## Rapport Amministrattiv 2025

# Kunsill Lokali Birżebbuġa

## Laqgħa Annwali tal-Lokalità

**L-Erbgħa, 18 ta' Marzu 2026**

## Werrej:


| | |
|---|---|
| Il-Kunsill Lokali | Paġna 2 |
| Seduti tal-Kunsill u responsabbiltajiet | Paġna 4 |
| Il-ħidma tal-Kunsill Lokali matul l-2025 | Paġna 8 |
| Rapport finanzjarju għas-sena 2025 | Paġna 14 |
| Rapport ta' ħidma miktub mill-kunsilliera | Paġna 17 |
| Konklużjoni finali | Paġna 26 |

# 1. Il-Kunsill Lokali

Birżebbuġa, skont l-aħħar reġistru elettorali maħruġ f'Ottubru 2025, hija lokalità b'popolazzjoni li taqbeż l-14,000 ruħ. Għalhekk, skont il-liġi tal-Gvern Lokali, il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa huwa kompost minn disa' kunsilliera, b'Sindku u Viċi Sindku eletti direttament mill-poplu.

Il-parti amministrattiva tal-Kunsill Lokali hija preżentement immexxija mis-Segretarju Eżekuttiv, megħjun minn seba' uffiċjali full-time u contracts manager part-time. Flimkien, l-amministrazzjoni tal-Kunsill tieħu ħsieb tikkordina l-ħidma kollha tal-Kunsill Lokali, tikkontrolla l-finanzi u, fuq kollox, timplimenta d-deċiżjonijiet li jittieħdu mill-kunsilliera fis-seduti tal-Kunsill.

Il-pjan ta' ħidma tal-Kunsill Lokali jiġi ffaċilitat ukoll bil-kontribut ta' diversi individwi permezz ta' għajnuna volontarja, ir-residenti, kif ukoll il-membri tas-sottokumitati maħtura mill-Kunsill Lokali. Dawn ikunu responsabbli biex jiddiskutu u jressqu proposti li wara jiġu analizzati u deċiżi waqt is-seduti uffiċjali tal-Kunsill.

Barra mill-istorja rikka tagħha, Birżebbuġa hija wkoll ċentru importanti għall-industrija u t-trasport marittimu f'Malta. Dan ifisser li, apparti li hija komunità residenzjali b'saħħitha u vibranti, il-lokalità ġġorr ukoll il-pressjonijiet u l-isfidi relatati mal-attività industrijali u kummerċjali.

Bħala Kunsill Lokali, naħdmu bla waqfien biex innaqqsu l-effetti negattivi tal-industrija fuq ir-residenti, filwaqt li nsaħħu l-ħtiġijiet u l-kwalità tal-ħajja tal-komunità tagħna. Dan nagħmluh billi nżidu u ntejbu s-servizzi offruti fil-lokalità, ninvestu f'infrastruttura aħjar, u nkomplu nippromwovu ambjent aktar nadif, sigur u sostenibbli għal kulħadd.

## L-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali

L-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali hija komposta kif ġej:

**Is-Sur Jordy Brincat** — **Segretarju Eżekuttiv**
Kap amministrattiv, finanzjarju u eżekuttiv tal-Kunsill Lokali. Responsabbli mill-operat u l-ħidma sħiħa tal-Kunsill Lokali, l-amministrazzjoni, il-finanzi, ir-riżorsi umani u r-relazzjonijiet mal-Ministeri u Dipartimenti tal-Gvern.

**Is-Sa Stephanie Aloisio** — **Uffiċjal Amministrattiv II**
Tassisti lis-Segretarju Eżekuttiv mill-aspett amministrattiv. Responsabbli mill-applikazzjonijiet marbuta mal-Awtorità tat-Trasport, relazzjonijiet ma' diversi awtoritajiet oħra, u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju.

**Is-Sa Simone Fenech** — **Uffiċjal Amministrattiv II**
Tassisti lis-Segretarju Eżekuttiv mill-aspett tal-attivitajiet kulturali u soċjali. Responsabbli mir-relazzjonijiet mar-residenti u azjendi kummerċjali, ġbir u rimi ta' skart goff,

kirjiet tal-futbol pitch, permessi, ħlasijiet, attivitajiet soċjali, ilmenti, u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju.

**Is-Sa Eleanor Manicaro** **Uffiċjal Amministrattiv II**
Tassisti lis-Segretarju Eżekuttiv mill-aspett finanzjarju, riżorsi umani, u remunerazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Responsabbli mill-ħlasijiet marbuta mal-ispejjeż tal-Kunsill, xiri ta' materjal u oġġetti oħra għal-lokalità kif approvati waqt is-seduti, rimborż minn skemi maħruġa u fondi oħrajn.

**Dr Alessia Psaila Zammit** **Contracts Manager**
Tassisti lis-Segretarju Eżekuttiv mill-aspett ta' kuntratti maniġerjali u relazzjoni mal-kuntratturi. Tissorvelja ż-żoni li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-kuntratturi u żżomm aġġornament tal-kuntratti u l-avviżi maħruġa lill-istess kuntratturi. Tikkordina wkoll il-pubblikazzjoni tat-tenders.

**Is-Sur Christian Mifsud** **Uffiċjal Amministrattiv I**
Jassisti lis-Segretarju Eżekuttiv f'diversi laqgħat. Jassisti mill-aspett amministrattiv. Responsabbli mill-applikazzjonijiet tal-iskemi kollha, rimborż lura mill-iskemi maħruġa u fondi oħrajn, ġbir ta' kwotazzjonijiet, mezzi soċjali, fixed assets register, u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju.

**Is-Sa Anabelle Sarreo** **Uffiċjal Amministrattiv I**
Tassisti lis-Segretarju Eżekuttiv mill-aspett tal-korrispondenza u każijiet tal-ilmenti u mezzi soċjali. Responsabbli mir-relazzjonijiet mar-residenti u azjendi kummerċjali, ġbir u rimi ta' skart goff, permessi, ħlasijiet, ilmenti, u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju.

**Is-Sa Anabel Micallef** **Uffiċjal Amministrattiv I**
Tassisti lis-Segretarju Eżekuttiv fejn jidħlu media u relazzjonijiet pubbliċi. Tassisti mill-aspett finanzjarju u mill-ħlasijiet marbuta mal-ispejjeż tal-Kunsill, xiri ta' materjal u oġġetti oħra għal-lokalità kif approvati waqt is-seduti, ġbir ta' kwotazzjonijiet, rimborż minn skemi maħruġa u fondi oħrajn, u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju.

**Is-Sa Aaliyah Ghigo** **Uffiċjal Amministrattiv I**
Tassisti lis-Segretarju Eżekuttiv mill-aspett tal-korrispondenza u każijiet tal-ilmenti. Responsabbli mir-relazzjonijiet mar-residenti u azjendi kummerċjali, ħlasijiet, depożiti finanzjarji, petty cash, ġbir ta' irċevuti fiskali u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju.

*Matul din is-sena l-ħaddiema tal-komunità sekondati mal-Kunsill Lokali kienu:*

Is-Sur Daniel Cutajar (Foreman)
Is-Sa Mary Grace Farrugia (Assistenta fl-Uffiċċju)
Is-Sur Francis Cassar
Is-Sur Raymond Cefai
Is-Sur Stefano Buhagiar
Is-Sur Daniel Camilleri

## 2. Seduti tal-Kunsill Lokali u Responsabbiltajiet

*L-attendenza tal-kunsilliera kollha waqt is-seduti tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa ta' bejn l-1 ta' Jannar 2025 (seduta 10) u l-31 ta' Diċembru 2025 (seduta 24).*

| Isem il-kunsillier | Numru ta' seduti | Preżenti | Assenti b'apoloġija | Assenti |
|---|---|---|---|---|
| **Scott Camilleri** | **15** | **15** | **-** | **-** |
| **Josette Busuttil** | **15** | **15** | **-** | **-** |
| **Sandro Alexander Caruana** | **15** | **15** | **-** | **-** |
| **Johann Borg** | **15** | **6** | **8** | **1** |
| **Maria Mifsud** | **15** | **13** | **2** | **-** |
| **Ivan Abela Grech** | **15** | **15** | **-** | **-** |
| **Karel Zahra** | **15** | **15** | **-** | **-** |
| **Rohasia Zammit** | **15** | **12** | **2** | **1** |
| **Darren Mark Debono** | **15** | **15** | **-** | **-** |

## *Responsabbiltajiet tas-Sindku u l-kunsilliera attwali*

- **Is-Sur Scott Camilleri –** *Sindku*

a) Laqgħat tal-Kunsill u r-rappreżentazzjoni legali
b) Estimi u kontroll tal-finanzi (flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv)
c) Assenjar tax-xogħol lill-ħaddiema tal-Kunsill
d) Kumitati Reġjonali
e) Awtorità tal-Ambjent u l-Ippjanar
f) Devoluzzjoni ta' propjetà tal-Gvern Ċentrali
g) Bye-laws
h) Relazzjonijiet barranin u ġemellaġġi
i) Storja u kultura
j) Għaqdiet volontarji
k) Corporate social responsability
l) Proġetti kapitali u infrastrutturali
m) Rappreżentant fuq l-EMC tal-Port Hieles
n) Rappreżentant fuq il-bord tal-attivitajiet tal-massa
o) Rappreżentant fuq il-bord ta' aġġudikazzjoni tas-sejħiet pubbliċi (tenders)
p) Rappreżentant fuq il-bord tal-immaniġġjar tat-traffiku
q) Rappreżentant fuq il-bord għat-talbiet ta' rimborż
r) Rappreżentant fuq il-bord tal-estimi u l-kontroll tal-finanzi
s) Rappreżentant fuq Steering Committee tal-parkeġġ miftuħ biswit il-Port Hieles
t) Rappreżentant fuq il-bord dwar l-ingaġġar u l-ħaddiema tal-Kunsill

- **Is-Sa Josepha k/a Josette Busuttil –** *Viċi Sindku*

a) Qasam Soċjali, Integrazzjoni u Inklużjoni Soċjali
b) Attivitajiet soċjali għall-anzjani
c) Assistenza soċjali
d) Solidarjetà, Integrazzjoni Soċjali u Ugwaljanza
e) Rappreżentanta fuq il-bord tal-attivitajiet tal-massa
f) Rappreżentanta tal-Kunsill fuq Gal Xlokk

- **Is-Sur Sandro Alexander Caruana –** *Kunsillier*

a) Infrastruttura u traffiku
b) Servizz tal-elettriku fit-toroq
c) Tabelli bl-ismijiet inkluż it-tismija tat-toroq
d) Servizz tal-ilma u d-drenaġġ
e) Rappreżentant fuq il-bord tal-immaniġġjar tat-traffiku
f) Rappreżentant fuq il-bord għat-talbiet ta' rimborż
g) Rappreżentant fuq il-bord tal-estimi u l-kontroll tal-finanzi
h) Rappreżentant flimkien mas-Sindku fuq proġetti infrastrutturali, inkluż ix-xogħlijiet ta' toroq, bankini u ġonna

- **Is-Sur Johann Borg –** *Kunsillier*

a) Saħħa, is-saħħa mentali u s-sanità,
b) Promozzjoni ta' trasport alternattiv
c) Trasport pubbliku

d) Bus shelters
e) Servizzi fil-komunità għall-anzjani
f) Evalwazzjoni tal-permessi tal-Awtorità tal-Ippjanar u Gazzetta tal-Gvern
g) Rappreżentant fuq il-bord tal-immaniġġjar tat-traffiku
h) Rappreżentant fuq il-bord dwar l-ingaġġar u l-ħaddiema tal-Kunsill

- **Is-Sa Maria Mifsud –** *Kunsillier*

a) Proġett ambjentali
b) Non-urban areas
c) Ġbir u mmaniġġjar tal-iskart domestiku u kummerċjali
d) Latrini pubbliċi
e) Tindif, tisbiħ u ħarsien tal-ġonna pubbliċi inkluż it-tisqija
f) Żbir ta' siġar
g) Knis u tindif ta' toroq inkluż l-isqaqien rurali
h) Turiżmu
i) Rappreżentanta fuq il-bord ta' aġġudikazzjoni tas-sejħiet pubbliċi (tenders)
j) Rappreżentanta fuq l-EMC tal-Port Ħieles

- **Is-Sur Ivan Abela Grech –** *Kunsillier*

a) Pulizija, Protezzjoni Ċivili u Forzi Armati
b) Pulizija tal-Komunità
c) Sigurtà tal-lokal
d) Żvilupp ta' faċilitajiet sportivi
e) Attivitajiet sportivi u fiżiċi
f) Rappreżentant fuq il-bord tal-attivitajiet tal-massa
g) Rappreżentant fuq Skatepark Steering Committee

- **Is-Sur Karel Zahra –** *Kunsillier*

a) Innovazzjoni u diġitalizzazzjoni
b) Telekomunikazzjoni
c) Kalendarju liturġiku u attivitajiet reliġjużi fil-beraħ
d) Informazzjoni u applikazzjonijiet ta' fondi mill-UE
e) Liason officer għal skemi maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali
f) Xjenza, riċerka u teknoloġija
g) Rappreżentant tal-għaqdiet volontarji
h) Rappreżentant fuq il-bord tal-attivitajiet tal-massa
i) Rappreżentant fuq il-bord ta' aġġudikazzjoni tas-sejħiet pubbliċi (tenders)
j) Rappreżentant fuq il-bord għat-talbiet ta' rimborż
k) Rappreżentant fuq il-bord tal-estimi u kontroll tal-finanzi

- **Is-Sa Rohasia Zammit –** *Kunsillier*

a) Ħarsien tal-annimali
b) Żgħażagħ u tfal
c) Librerija pubblika lokali
d) Edukazzjoni
e) Rappreżentanta tal-Youth Detachment Programme Committee — Aġenzija Żgħażagħ

- **Is-Sur Darren Mark Debono –** *Kunsillier*

a) Promozzjoni tan-negozji
b) Negozju u kummerċ
c) Liċenzji tal-ħwienet
d) Suq fil-beraħ
e) Affarijiet marittimi inkluż iż-żamma tal-bajjiet u relazzjoni mal-entitajiet u għaqdiet konċernati
f) Manutenzjoni ta' żoni rikreattivi u funtani

---

## Formazzjoni tal-Kunsill Lokali (2024 – 2029)

| | |
|---|---|
| *Is-Sur Scott Camilleri* | **Sindku** (minn Lulju 2024 sal-lum) |
| *Is-Sa Josepha k/a Josette Busuttil* | **Viċi Sindku** (minn Lulju 2024 sal-lum) |
| *Is-Sur Sandro Alexander Caruana* | **Kunsillier** (minn Lulju 2024 sal-lum) |
| *Is-Sur Johann Borg* | **Kunsillier** (minn Lulju 2024 sal-lum) |
| *Is-Sa Maria Mifsud* | **Kunsillier** (minn Lulju 2024 sal-lum) |
| *Is-Sur Ivan Abela Grech* | **Kunsillier** (minn Lulju 2024 sal-lum) |
| *Is-Sur Karel Zahra* | **Kunsillier** (minn Lulju 2024 sal-lum) |
| *Is-Sa Rohasia Zammit* | **Kunsillier** (minn Lulju 2024 sal-lum) |
| *Is-Sur Darren Mark Debono* | **Kunsillier** (minn Lulju 2024 sal-lum) |

# 3. Il-ħidma tal-Kunsill Lokali matul l-2025

***Rapport mis-Sindku Scott Camilleri u s-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat***

## Introduzzjoni

Matul is-sena 2025, il-Kunsill wettaq numru kbir ta’ inizjattivi u proġetti infrastrutturali, soċjali u ambjentali, fosthom il-ħolqien ta’ mafkar f’ġieħ il-mibki l-Pumpier Joseph Zammit u l-bidu tal-proċess tal-bust tal-mibki Jake Vella mill-Ministeru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali. Saru organizzazzjonijiet ta’ diversi attivitajiet komunitarji bħall-karnival għat-tfal, Festa Bengħajsa, Jum Birżebbuġa, World Clean-Up Day, Milied fil-Pjazza u film night għaż-żgħażagħ, kif ukoll kompetizzjonijiet u ċelebrazzjonijiet ta’ rikonoxximent.

Saru wkoll diversi xogħlijiet fit-toroq, ġonna, bajjiet u spazji pubbliċi, inkluż Triq Birżebbuġa, Triq Tal-Ġebel, Triq ir-Raddiena, il-Bajja s-Sabiħa, Ġnien Profs. Anton Tabone, Ġnien l-Indipendenza u l-promenade tal-Qajjenza, flimkien ma’ titjib fis-sigurtà permezz ta’ CCTVs, AEDs, dawl, fencing u rampa ta’ aċċess.

Il-Kunsill ibbenifika minn diversi skemi, applika għal korsijiet tal-Lifelong Learning, organizza servizzi ta’ saħħa bħat-tilqima kontra l-influwenza, ħadem fuq capacity planning u konsultazzjoni ambjentali, u kkoordina ma’ entitajiet differenti fuq servizzi, manutenzjoni u proġetti futuri, filwaqt li kompla jtejjeb il-komunikazzjoni mar-residenti permezz tal-pubblikazzjoni Birżebbuġa – Mill-Qalba tar-Raħal, li ħarġet f’nofs is-sena u kalendarju tas-sena 2025 maħruġ mill-Kunsill Lokali u l-Għaqda Storja u Kultura Birżebbuġa.

Il-Kunsill Lokali ta’ Birżebbuġa ltaqa’ mal-applikant u l-periti li ssottomettew l-applikazzjoni biex binja tal-kunvent ġo Birżebbuġa se tiġi konvertita għal dar tal-anzjani. F’din il-laqgħa l-Kunsill ingħata spjegazzjoni ta’ kif il-binja se tkun speċjalizzata u mgħammra għall-anzjani li jsofru mill-kundizzjoni tad-dimensja. Il-Kunsill se jkompli jsegwi din l-applikazzjoni permezz ta’ sottomissjoni ta’ interess.

Il-ħidma ta’ dan il-Kunsill hi mqassma fuq diversi setturi, bħall-infrastruttura, proġetti kapitali u xogħlijiet ta’ manutenzjoni fit-toroq, tindif, ġbir ta’ skart u rimi illegali, tisbiħ u manutenzjoni ġenerali, infurzar u sigurtà fil-lokalità, solidarjetà u ħidma fil-qasam soċjali, edukazzjoni, tfal u żgħażagħ.

Il-mira tal-Kunsill hi li jkompli jaħdem sabiex mhux biss itejjeb l-operat, iżda fl-istess waqt ikompli jaħdem sabiex il-lokalità ta’ Birżebbuġa tkompli tisbieħ u tattira lill-pubbliku inġenerali. Filwaqt li l-Kunsill dejjem jagħmel ħiltu kollha sabiex iżomm il-finanzi f’qagħda tajba, se jkompli jinvesti f’aktar proġetti kapitali lejn il-lokalità. Il-Kunsill jinsab ċert li b’dan it-titjib kif ukoll proġetti proposti jirrispetta l-ambjent u l-valur ta’ Birżebbuġa. Dan kollu nwettquh sabiex inkomplu nkunu ta’ eżempju tajjeb għal lokalitajiet oħra.

## Infrastruttura, proġetti kapitali u xogħlijiet ta' manutenzjoni fit-toroq

### Xogħlijiet ta' toroq:

Matul il-perjodu li għadda tlestew diversi xogħlijiet infrastrutturali u ta' riġenerazzjoni fil-lokalità, fosthom xogħlijiet estensivi fuq is-sistema tad-drenaġġ fil-Bajja s-Sabiħa mill-Water Services Corporation, inkluż is-servizz ta' shuttle li ħadet ħsieb torganizza l-istess entità. Tlesta wkoll it-tarmak fi Triq il-Port Hieles wara xogħlijiet kontra l-għargħar.

Ġiet rikostruwita kompletament Triq in-Noqra minn Infrastructure Malta, fejn waħda mill-problemi komuni f'din it-triq kienet l-akkumulazzjoni ta' żrar u ħamrija li kienu jinġabru mir-raba' tal-madwar. Ix-xogħol sar b'koordinament mal-Kunsill Lokali u ngħaqad mal-interventi estensivi u delikati fiż-żona ta' San Ġorġ u Triq Birżebbuġa, fejn tqiegħed main tal-ilma ġdid fil-bankini, cable tad-dawl ġdid, u sistema ġdida kontra l-għargħar biex titjieb is-sitwazzjoni fiż-żona. Ingħata wkoll saff ta' tarmak fuq il-kanal fil-Bajja s-Sabiħa. Infrastructure Malta wettqet ukoll xogħlijiet ta' tiswija fuq żewġ gutters li jinsabu fil-parti t'isfel ta' Triq Żaren Dalli.

### Proġetti kapitali:

Il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa temm b'suċċess il-proġett ta' rijabilitazzjoni tal-bandli fi Ġnien Profs. Anton Tabone. Dan il-proġett ġie kofinanzjat taħt l-iskema tal-Gvern Ċentrali SPI/SCI/9/2022 – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali: Komunitajiet isbaħ u aktar b'saħħithom. Dan l-investiment wassal għal titjib sostanzjali fis-sigurtà u l-aċċessibbiltà tas-sit, fejn ġie mibdul il-materjal tal-art sabiex ikun aktar adattat u sikur għat-tfal. Barra minn hekk, ġew installati tliet strutturi ġodda għal-logħob u tpoġġew erba' xatbi magħmulin minn materjal reżistenti għall-elementi, bil-għan li l-ambjent tal-bandli jkun aktar protett u sigur għall-familji u l-komunità.

Inħoloq ukoll spazju ġdid ta' rikreazzjoni u mistrieħ fi Triq l-Għerien, il-Qajjenza. Dan il-community garden inħoloq grazzi għall-kollaborazzjoni ma' Project Green. Bħala Kunsill Lokali nibqgħu impenjati biex inkomplu nittrasformaw aktar spazji bħal dawn għall-ġid tal-komunità tagħna.

Il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa kiseb fondi mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali sabiex iwettaq manutenzjoni u tisbiħ fil-promenade tal-Qajjenza. Permezz ta' dawn il-fondi, se jitranġa l-madum eżistenti kif ukoll jiġi indirizzat is-sadid li hemm fuq ir-railing, biex niżguraw ambjent aktar sigur u attraenti għall-pubbliku.

Il-Prim Ministru Dr Robert Abela, il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi Dr Chris Bonett flimkien mas-Segretarju Parlamentari għax-Xogħlijiet Pubbliċi s-Sur Omar Farrugia ħabbru l-proġett tar-riġenerazzjoni tal-promenade ta' Birżebbuġa. Dan il-proġett ta' riġenerazzjoni, b'investiment ta' madwar €12-il miljun, se jkun amministrat mid-Dipartiment għax-Xogħlijiet Pubbliċi wara li tlestew id-disinji u għadda l-proċess ta' applikazzjonijiet biex isiru x-xogħlijiet għall-ġid tal-komunità. Birżebbuġa Promenade Regeneration hu proġett, fuq tul ta' aktar minn kilometru u nofs tal-promenade ta' din il-lokalità pittoreska, se jkun qed iwassal għal ħames spazji miftuħa, uħud li se jinħolqu u oħrajn riġenerati, tisbiħ ta' ġonna u bandli eżistenti, parkeġġ pubbliku taħt l-art u żoni pedonali ġodda. Se jkun hemm ukoll karreġġjata ġdida għaċ-ċiklisti kif ukoll tisbiħ tul il-promenade b'materjal li hu sostenibbli.

Fi Frar il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa attenda u ressaq l-argumenti tiegħu waqt is-smigħ tal-Awtorità tal-Ippjanar, fejn ġiet deċiża l-applikazzjoni PC/0022/23 fis-sit fejn kien jinħażen il-gass fil-Qajjenza. F'Ottubru 2023, il-Kunsill Lokali kien ressaq rappreżentazzjoni dwar din l-applikazzjoni u esprima tħassib serju dwar il-bidliet proposti fil-parametri tal-iżvilupp ta' dan is-sit. Madankollu, il-Kunsill irrikonoxxa t-tibdil propost fl-aħħar pjanijiet sottomessi, b'mod partikolari ż-żieda taż-żoni ħodor aċċessibbli għall-pubbliku, l-inklużjoni ta' parkeġġ u t-tħallija fil-post tal-istruttura tal-konkrit b'valur arkitettoniku importanti. Il-Kunsill irrikonoxxa wkoll l-istqarrija maħruġa minn Enemalta nhar it-Tnejn, 3 ta' Frar 2025, li fiha ġie kkomunikat li 83% tal-art kienet se tiġi trasformata f'żona pubblika u li kellhom jiġu integrati uffiċċji ġodda mmexxija mill-Kunsill Lokali fuq l-istess sit. Beda wkoll il-proċess ta' żgumbrament tal-Fortizza Bengħajsa sabiex dan il-post storiku reġa' ġie rritornat taħt l-awtoritajiet xierqa. Bħala Kunsill, inħarsu 'l quddiem biex inkunu parti mill-proċess ta' tfassil u ppjanar tal-użu futur ta' din il-fortizza, li għandha valur storiku u kulturali għażiż għar-raħal tagħna.

Matul is-sena li għaddiet tlesta wkoll il- proġett kontra l-għargħar fiż-żona Tal-Ġebel. Dan il-proġett inkluda wkoll il-kostruzzjoni ta' storm water culverts sabiex l-ilma tax-xita jiġi devjat lejn il-wied, u b'hekk jitnaqqas l-inkonvenjent lir-residenti tal-inħawi. Dan il-proġett kien maqsum fi tliet fażijiet. Flimkien ma' dawn ix-xogħlijiet saret ukoll l-estensjoni ta' Triq ir-Raddiena ma' Triq Tal-Ġebel sabiex titjieb il-kordinazzjoni tat-traffiku fiż-żona.

Inbeda x-xogħol marbut mal-capacity planning tal-lokalità u issa qed naraw tispiċċa l-ewwel fażi. F'din il-fażi sar studju tal-local plans u t-tibdil fihom tul iż-żmien, biex issa l-Kunsill jaf kif kull żona tista' tinbena. Fil-fażi li jmiss, il-Kunsill se jkun qiegħed iqabbel dan ma' dak li hemm mibni.

F'Diċembru 2025, il-Kunsill Lokali approva l-budget għall-2026, li fih se jkun qiegħed jalloka ammonti sostanzjali għal proġetti kapitali, fosthom il-promenade tal-Qajjenza, l-estensjoni tal-binja tal-Kunsill u l-proġett taċ-ċentru ċiviku.

### Dawl u servizzi:

Matul is-sena li għaddiet tlesta xogħol ta' tisħiħ fid-distribuzzjoni tas-sistema elettrika fi Triq l-Għansar fil-Qajjenza, liema xogħlijiet saru minn Infrastructure Malta u Enemalta.

Sar ukoll ix-xogħol fuq it-tisħiħ tas-sistema tad-drenaġġi fil-Bajja s-Sabiħa mill-Water Services Corporation. Barra minn hekk, bl-installazzjoni ta' sistema ta' filtrazzjoni tal-ilma, l-ilma baħar skavat qed jiġi ffiltrat qabel jerġa' jiġi rilaxxat, sabiex inżommu l-ambjent marittimu nadif u protett.

## Immaniġġjar tat-traffiku u trasport pubbliku

### Trasport pubbliku:

F'April ġiet introdotta rotta ġdida: 82B. Din bdiet topera bejn il-Belt, Birżebbuġa u Ħal Far, u tgħaddi minn Raħal Ġdid. L-għan prinċipali ta' din ir-rotta kien li tagħti aċċess akbar għas-servizz tat-trasport pubbliku lill-ħaddiema tal-kumpless industrijali.

### Immaniġġjar tat-traffiku:

Wara li tlesta x-xogħol fuq il-culvert tal-ilma tax-xita fi Triq Tal-Ġebel, il-Kunsill Lokali daħħal sistema ġdida ta' one-way f'dawn l-inħawi, fejn il-ħruġ lejn Ħal Far sar one-way, u Triq ir-Raddiena saret dħul biss, fid-direzzjoni lejn iċ-ċentru ta' Birżebbuġa.

## Tindif, ġbir ta' skart u rimi illegali, tisbiħ u manutenzjoni ġenerali

### Tisbiħ u manutenzjoni ġenerali:

Matul is-sena 2025, il-Public Works Department provda ħaddiema sabiex saret ħidma li tikkonsisti f'titjib u tisbiħ ta' Ġnien Profs. Anton Tabone. Il-Kunsill Lokali ffinanzja dan il-proġett permezz tax-xiri taż-żebgħa u l-materjal kollu.

Il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa kiseb fondi mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali sabiex iwettaq manutenzjoni u tisbiħ fil-promenade tal-Qajjenza. Permezz ta' dawn il-fondi, se jitranġa l-madum eżistenti kif ukoll jiġi indirizzat is-sadid li hemm fuq ir-railing, biex niżguraw ambjent aktar sigur u attraenti għall-pubbliku. Bħala parti mill-manutenzjoni li titwettaq minn GreenPak, il-Bring-In Sites madwar il-lokalità tagħna ġew maħsula u mnaddfa. Il-ħasil ta' dawn is-siti jsir mill-inqas darba kull kwart tas-sena, sabiex jinżammu f'kundizzjoni tajba għall-użu pubbliku. GreenPak twettaq ukoll ħasil addizzjonali meta jkun hemm il-bżonn, biex tiżgura li l-komunità tagħna tkompli tgawdi ambjent nadif u sigur. Sar ukoll ħasil ta' toroq u bankini residenzjali b'koordinament kuntrattwali li l-Kunsill għandu ma' Cleansing & Maintenance Division. Sar ukol xogħol ta' tiswija u manutenzjoni fuq il-bus shelter antik fi Triq il-Girgħien, Birżebbuġa, wara li kien sofra ħsarat minħabba atti ta' vandaliżmu. Barra minn hekk, ġiet installata pannella protettiva biex tipproteġi mill-maltemp. Tneħħa b'mod temporanju l-basketball ring fil-Bajja s-Sabiħa sabiex isiru t-tiswijiet meħtieġa għal raġunijiet ta' saħħa u sigurtà.

## Infurzar u sigurtà fil-lokalità

### Infurzar:

Fis-sena 2025 inxtraw mobile CCTV cameras biex ikunu ta' deterrent għall-ħmieġ li kien qed jitħalla fil-lokalità.

### Sigurtà:

Triq il-Brolli u Misraħ Hamilkar Barka issa huma mgħammra b'kameras tas-sigurtà. Permezz ta' dan il-proġett, naraw li jitnaqqsu l-abbużi minn dawn iż-żoni. Il-proġett ġie mwettaq mill-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa u ġie parzjalment iffinanzjat mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali. Sabiex tiġi żgurata s-sigurtà fuq il-ħaddiema tal-latrini, twaħħlu s-CCTVs mal-latrini ta' San Ġorġ u Wied il-Buni. Saru wkoll CCTVs ħdejn iż-żona ta' San Ġorġ sabiex ikun hemm moniteraġġ tal-karozzi li qed jidħlu sabiex jitnaqqsu l-abbużi.

## Attivitajiet fil-qasam soċjali u ħidma ġenerali fil-komunità

Fi Frar ġiet organizzata attività tal-karnival fix-xatt ta' Birżebbuġa. L-attività bdiet permezz ta' parata bil-maskri grotteski u l-baned lokali. Wara sar programm mill-isbaħ fis-sala tal-iskola primarja bis-sehem ta' diversi artisti u kantanti lokali.

Żewġ studenti universitarji organizzaw attività fil-komunità billi tellgħu attività ta' film night maż-żgħażagħ b'kollaborazzjoni ma' NGO lokali. Il-Kunsill ikkollabora billi kopra l-

ispejjeż tax-xiri tal-affarijiet li ntalbu. F'Ottubru l-Cancer Research and Innovation Hub Malta organizzaw attività fil-komunità billi provdew testijiet mediċi bla ħlas bħal tal-pressjoni, tad-demm, taz-zokkor, tal-ossiġnu, tal-BMI, tal-polz u tat-temperatura. Għal sena oħra, il-Kunsill reġa' offra s-servizz tal-għoti tal-vaċċini tal-influwenza mis-sala tal-knisja. Il-Kunsill qassam vawċers lil kull min irreġistra bħala cat feeder permezz tal-iskema li ħarġet l-Animal Welfare biex ittaffi ftit mill-piż finanzjarju li jkollhom il-persuni li jitimgħu l-qtates.

Ġewwa Birżebbuġa ġie ospitat il-Yachting Malta Birżebbuġa Sailing Club Freeport International Regatta. Saret ukoll open day f'Għar Dalam, fejn tħabbret sejħa għal proġett artistiku li se jfakkar il-memorja ta' Jake Vella mill-Ministru Owen Bonnici u l-Onor. Alison Zerafa Civelli. Din is-sejħa ġiet koordinata mill-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u Gvern Lokali.

Għall-ewwel darba f'Birżebbuġa ttellgħet l-attività Festa Bengħajsa, fejn fiha sar it-tberik tal-annimali, dawra ma' Birżebbuġa b'tal-linja l-antika, wirjiet ta' karozzi antiki, reċta storika tat-Tieni Gwerra Dinjija, fost ħafna divertiment ieħor. F'Mejju wkoll ġiet organizzata l-attività taċ-ċelebrazzjoni tas-suċċessi lokali li għamlu unur lil Birżebbuġa. Dawn kienu Birżebbuġa St. Peter's, Birżebbuġa St. Peter's Youths, Birżebbuġa Windmills U15, Jamie Cardona, u Birżebbuġa Regatta Club. Ittellgħet ukoll l-attività tal-Island Games , fejn aktar minn 400 atleta minn madwar id-dinja kkompetew f'dawn il-logħob li kienu mifruxin fuq tlett ijiem. Permezz ta' din l-attività, il-lokalità tagħna qed tieħu r-rikonoxximent u l-prestiġju li jixirqilha fil-qasam sportiv. Il-faċilitajiet sportivi bla ħlas li investejna fihom bħala Kunsill jagħmlu lil Birżebbuġa attrazzjoni unika f'Malta. Fil-Bajja s-Sabiħa ġiet ospitata wkoll l-ewwel edizzjoni tan-National Beach Games organizzati minn Special Olympics Malta. Din il-lokalità kellha l-unur ukoll tilqa' The Junior European Triathlon Cup. Din il-kompetizzjoni prestiġjuża ġabet magħha l-aqwa atleti żgħażagħ minn madwar l-Ewropa kollha, li wrew it-talent, id-determinazzjoni u l-passjoni tagħhom fi tliet dixxiplini spettakolari – l-għawm, iċ-ċikliżmu u l-ġiri.

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar, il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa, u l-Aġenzija għall-Anzjanità Attiva nedew l-inizjattiva Art 4 Active Ageing. Din l-inizjattiva kienet tikkonsisti f'ħames sessjonijiet artistiċi mmexxija mill-artist Ryan Galea, fejn l-anzjani ngħataw l-opportunità jesprimu l-kreattività tagħhom f'ambjent soċjali u miftuħ għall-interazzjoni. F'Mejju l-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa ngħaqad ma' Birżebbuġa ASC f'maratona b'risq il-Caritas Malta u l-familji fil-bżonn fil-komunità tagħna.

Ġiet organizzata World Clean-Up day fiż-żoni t'Għar Hasan u l-Bajja s-Sabiħa bl-għajnuna finanzjarja tas-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali. Fi Triq it-Torri, il-Kunsill Lokali organizza clean-up oħra sabiex ikun hawn iżjed kuxjenza dwar it-tindif u ż-żamma tal-lokalità. Il-Kunsill Lokali offra sessjonijiet ta' fitness b'xejn lir-residenti ta' Birżebbuġa ġewwa l-iskola primarja ta' Birżebbuġa, liema sessjonijiet għadhom għaddejjin.

F'Diċembru ttellgħet l-attività ta' Milied fil-Pjazza organizzata mill-Parroċċa ta' San Pietru fil-Ktajjen b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali. Wara laqgħa mal-kuntrattur konċernat, il-Kunsill Lokali informa li x-xogħol fl-eks impjant tal-gass se jibda fil-bidu tal-2026. Ix-xogħol se jibda mid-dar tal-anzjani. Biex jitnaqqas l-impatt fuq ir-residenti tal-madwar, il-kuntrattur se ikun qiegħed jipprova li l-ingenji kollha jidħlu mill-promenade.

Matul din is-sena l-Kunsill Lokali beda b'diskussjonijiet u ħidma amministrattiva sabiex Birżebbuġa jkollha uffiċċju tas-servizz.gov. Dan se jkun inawgurat fl-2026.

## Edukazzjoni, tfal u żgħażagħ

Bis-servizz tal-Lifelong Learning, il-Kunsill offra numru ta' korsijiet għall-adulti, sabiex dawn jibqgħu jitħarrġu fit-tagħlim tagħhom.

## Komunikazzjoni mar-residenti

Il-komunikazzjoni mar-residenti hija ta' prijorità. Matul din is-sena l-Kunsill kompla jsaħħaħ il-komunikazzjoni tiegħu fuq il-paġni soċjali kif ukoll b'mezzi tradizzjonali oħrajn. Il-Kunsill innota li l-paġna uffiċjali tal-Kunsill kompliet iżżid fil-popolarità tagħha u hija l-mezz kif isir kuntatt mal-pubbliku bl-aktar mod faċli u effettiv fid-dinja tal-lum. Naturalment għadna 'l bogħod milli nkunu qed nolqtu l-maġġoranza tar-residenti, u għalhekk il-Kunsill irid ikompli jaħdem ħalli aktar nies jagħmlu użu minnha.

Kull xahar il-Kunsill Lokali jiltaqa' waqt seduta uffiċjali li tkun live streamed fuq il-website uffiċjali tal-Kunsill. Ukoll, kif stipulat bil-liġi, il-Kunsill obbligat li tul is-sena jsejjaħ żewġ laqgħat annwali għall-pubbliku. Wara kull seduta, il-Kunsill Lokali jieħu ħsieb li jaġġorna l-paġna tiegħu ta' Facebook dwar punti li jkunu l-iżjed t'interess ġenerali.

Matul is-sena li għaddiet saret konsultazzjoni pubblika dwar il-pont tax-shell; proġett ieħor fejn qed titneħħa ċerta industrija, jew fdalijiet tagħha mill-qalba tal-komunitajiet, biex minflok jingħata spazju miftuħ li jitgawda mill-familji. L-Għaqda Storja u Kultura Birżebbuġa b'kollaborazzjoni sħiħa mal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa organizzat public lecture dwar il-kultivazzjoni tas-siġar taż-żebbuġ bil-preżenza ta' espert fis-suġġett sabiex jipprovdi informazzjoni utli għal kull min kien interessat.

# 4. Rapport finanzjarju għas-sena 2025

Matul is-sena 2025 il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa kellu dħul ta' €973,723. Din is-somma hi magħmula mill-allokazzjoni finanzjarja, permessi li matul l-2025 kien hemm żieda, skemi u inizjattivi li l-Kunsill Lokali applika u rnexxielu jibbenifika minnhom. Kien hemm ukoll żieda mis-sistema tal-Local Enforcement System u sponsorships oħrajn.

Meta wieħed inaqqas l-ispejjeż mid-dħul, il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa għalaq is-sena bi profit ta' €54,987.

Grazzi għall-ħidma tajba tal-Kunsill u l-amministrazzjoni, il-Kunsill Lokali fl-aħħar tas-sena kien f'pożizzjoni li jippjana u jibda jwettaq numru ta' proġetti u investimenti kapitali għal matul is-sena 2026. F'paġni 15 u 16 hemm statement finanzjarju dwar dan kollu fid-dettall.

Local Council Birzebbuga

## Statement of Profit or Loss and Other Comprehensive Income
for the year ended 31 December 2025

| | Notes | 2025 € | 2024 € |
|---|---|---|---|
| **Revenue** | | | |
| Funds received from Central Government | 3 | 898,028 | 1,040,747 |
| Income raised under Local Enforcement System | 4 | 14,479 | 5,563 |
| General Income | 5 | 61,216 | 67,656 |
| | | 973,723 | 1,113,966 |
| **Expenditure** | | | |
| Personal Emoluments | 6 | (378,347) | (299,275) |
| Operations and maintenance | 7 | (231,666) | (508,587) |
| Administration and other expenditure | 8 | (308,723) | (432,409) |
| | | (918,736) | (1,240,271) |
| **Operating profit/(loss) for the year** | | 54,987 | (126,305) |
| **Profit/(loss) for the year** | | 54,987 | (126,305) |

The notes on pages 9 to 28 form an integral part of these financial statements.

5

Local Council Birzebbuga

**Statement of Financial Position**
**as at 31 December 2025**

| | Notes | 2025 € | 2024 € |
|---|---|---|---|
| **ASSETS** | | | |
| **Non-Current Assets** | | | |
| Property, plant and equipment | 10 | 323,252 | 379,618 |
| Intangible assets | 9 | 22 | 47 |
| | | 323,274 | 379,665 |
| **Current Assets** | | | |
| Receivables | 11 | 126,668 | 97,025 |
| Cash at bank and in hand | 12 | 1,204,855 | 1,142,532 |
| | | 1,331,523 | 1,239,557 |
| **Total Assets** | | 1,654,797 | 1,619,222 |
| **RESERVES** | | | |
| Retained earnings | | 1,124,439 | 1,069,452 |
| **Total reserves** | | 1,124,439 | 1,069,452 |
| **Current Liabilities** | | | |
| Trade and other payables | 13 | 226,937 | 246,349 |
| Short-term borrowings | 14 | 303,421 | 303,421 |
| | | 530,358 | 549,770 |
| **Total Liabilities** | | 530,358 | 549,770 |
| **Total reserves and liabilities** | | 1,654,797 | 1,619,222 |

These financial statements were approved by the Local Council on 18th February 2026 and signed on its behalf by:

Scott Camilleri
Mayor

Jordy Brincat
Executive Secretary

The notes on pages 9 to 28 form an integral part of these financial statements.

6

# 5. Rapport ta' ħidma miktub mill-kunsilliera

## *> Rapport ta' ħidma mill-Viċi Sindku Josette Busuttil*

Jiena l-Viċi Sindku Josette Busuttil, responsabbli mid-dekasteru tal-Qasam Soċjali, Integrazzjoni u Inklużjoni Soċjali.

Matul is-sena 2025 komplejt naħdem b'dedikazzjoni lejn il-komunità tagħna billi nikkollabora mal-entitajiet lokali u naħdem biex intejjeb il-benesseri tar-residenti f'kull qasam; dan ir-rapport jippreżenta ħarsa ġenerali lejn il-ħidma, l-attivitajiet u l-inizjattivi li saru matul is-sena. Tul is-sena attendejt regolarment il-laqgħat mal-FSWS bħala parti mill-Birżebbuġa Network li jsiru kull xahar, fejn iffukajna fuq l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet soċjali tar-residenti, il-koordinazzjoni bejn is-servizzi u l-ippjanar ta' interventi u inizjattivi għall-ġid tal-komunità, kif ukoll attendejt diversi konferenzi tal-aħbarijiet relatati mal-attivitajiet u l-proġetti tal-Kunsill. Ġew organizzati wkoll diversi attivitajiet soċjali u kulturali għall-anzjani u l-familji, fosthom buffet breakfast f'San Antonio bit-tombla, żjara fil-monasteru tas-sorijiet fir-Rabat, parteċipazzjoni fil-festa tradizzjonali ta' San Girgor, żjara fis-Santwarju u l-Mużew ta' Ħaż-Żabbar segwita minn ikla, l-esperjenza Gozo by Night li kienet apprezzata ħafna mir-residenti, buffet breakfast ieħor bit-tombla bħala parti mill-programm kontinwu ta' attivitajiet, kif ukoll id-distribuzzjoni ta' Rigal bi Mħabba. Barra minn hekk, bħala kunsilliera inkarigata mill-attivitajiet, ħdimt b'mod attiv fil-kumitat responsabbli mill-organizzazzjoni ta' diversi inizjattivi, fosthom il-Karnival ta' Birżebbuġa inkluż parata fit-toroq u attivitajiet fl-iskola, kif ukoll iċ-ċelebrazzjonijiet tar-rebħ tar-Regatta u l-Kampjonat li huma mumenti ta' kburija għall-lokal.

## *> Rapport ta' ħidma mill-Kunsillier Alex Caruana*

Jiena l-Kunsillier Alex Caruana, responsabbli mid-dekasteru tal-Infrastruttura u t-Traffiku. Matul dan il-perjodu saru diversi proġetti infrastrutturali importanti fil-lokalità.

Fi Triq Birżebbuġa ġew mgħoddija żewġ cables tal-Enemalta – wieħed ġdid u ieħor li nbidel minflok l-eqdem cable li kellna u li kien jinqata' ta' spiss – kif ukoll main ġdid tal-ilma potabbli li qed ikompli jiġi estiż minn Pretty Bay sabiex Birżebbuġa jkollha żewġ mains tal-ilma minflok wieħed; sar ukoll xogħol ta' storm water management biex jitnaqqas l-għargħar, tqegħid ta' concrete slab fil-parti l-baxxa tat-triq, bankini ġodda u tarmac ġdid. F'Pretty Bay beda proġett ta' main ġdid tad-drenaġġ biex iservi lil dik in-naħa kollha ta' Birżebbuġa u Ħal Far, kif ukoll main ieħor għar-residenzi u l-ħwienet, li għadu għaddej. Sar xogħol fi sqaqien rurali, fosthom sqaq minn Triq Tal-Papa, Sqaq Ta' Salvun 2 u Sqaq Madonna ta' Lourdes li bdew f'Diċembru, kif ukoll sqaq ieħor f'Bengħajsa. Ġew mgħoddija wkoll new water u feeders tal-Enemalta minn Marsaxlokk sa Birżebbuġa, bil-proġett tan-new water li se jkompli saż-Żurrieq, u beda x-xogħol tal-belisha light f'San Ġorġ. Twaqqaf mafkar f'ġieħ il-Pumpier Joseph Zammit fi Ġnien l-Indipendenza, sar aktar bdil ta' lampi tat-toroq għal LEDs, u nbidlu bankini ġodda mill-PWD fosthom fi Triq il-Kartaġiniżi u partijiet mill-Qajjenza. Żdiedu wkoll charging pillars f'diversi żoni fosthom Misraħ San Ġorġ Preca, Triq is-Sebħ, Misraħ ir-Repubblika u Triq il-Port Ħieles, filwaqt li parti minn Triq il-Port Ħieles ingħatat l-isem ta' Triq Joseph Farrugia "Ir-Riki". Saru xogħlijiet fil-Ġnien ta' San Ġorġ inkluż playing equipment u soft carpet ġdid kif ukoll xogħol ta' kisi u tibjid mill-PWD, u twettqu interventi ta' storm water fi Triq in-Narċis, Triq Tal-Ġebel u Triq il-Port Ħieles.

## > *Rapport ta' ħidma mill-Kunsillier Johann Borg*

Ir-rapport ta' ħidma tal-Kunsillier Johann Borg ma ġiex ippreżentat qabel is-seduta numru 26, sabiex ikun approvat. Dan minkejja diversi tfakkiriet li saru.

## > *Rapport ta' ħidma mill-Kunsilliera Maria Mifsud*

Jiena l-Kunsilliera Maria Mifsud, responsabbli mid-dekasteru tal-proġetti ambjentali, u bħala Kunsilliera responsabbli mill-ambjent kont impenjata biex intejjeb u nħares l-ambjent lokali permezz ta' diversi inizjattivi mmirati lejn is-sostenibbiltà u l-benesseri tal-komunità.

Hadt ħsieb is-sorveljanza u l-manutenzjoni ta' żoni ħodor bħal parks u ġonna billi segwejt b'mod regolari l-bżonnijiet ta' tisqija, tindif u manutenzjoni oħra, u organizzajt kif ukoll ipparteċipajt f'diversi attivitajiet ta' tindif flimkien ma' voluntiera u gruppi tal-komunità, fosthom attività speċjali fl-okkażjoni tal-World Clean Up Day li għenet biex inżommu ż-żoni pubbliċi nodfa u nżidu l-għarfien ambjentali. L-ilmenti u t-tħassib tar-residenti dwar kwistjonijiet ambjentali ġew indirizzati b'serjetà u segwiti b'azzjoni xierqa, filwaqt li pprovdejt informazzjoni u gwida ċara dwar il-ġbir tal-iskart, ir-riċiklaġġ u l-iskedi relatati sabiex ir-residenti jkunu infurmati u jikkontribwixxu għal ambjent aktar nadif. Barra minn hekk, tajt is-sehem tiegħi fl-organizzazzjoni tal-vaċċin kontra l-influwenza bħala parti mill-isforzi biex inħarsu s-saħħa u l-benesseri tar-residenti, u nibqa' impenjata li nkompli naħdem għal ambjent aktar nadif, sostenibbli u b'saħħtu għall-komunità tagħna.

## > Rapport ta' ħidma mill-Kunsillier Ivan Abela Grech

Jiena l-Kunsillier Ivan Abela Grech, responsabbli mid-dekasteru tal-infurzar, u matul dan il-perjodu ħdimt fuq diversi inizjattivi relatati mas-sigurtà, l-organizzazzjoni u l-infurzar fil-lokalità.

Għall-ewwel darba f'Birżebbuġa saru l-Island Games, il-European Junior Triathlon u l-European Sports Week, filwaqt li b'kollaborazzjoni ma' Darren Debono għamilt risk assessment fuq il-monti li jarma fi Triq Żaren Dalli. Flimkien mal-kollegi Alexander Caruana u Darren Debono bdejna l-master plan tal-promenade, u mas-Sindku Scott Camilleri, b'kollaborazzjoni mal-Pulizija tal-Komunità, rajna li nżidu l-infurzar fuq vetturi abbandunati. Komplejna naħdmu fuq in-neighbourhood watch fil-Qajjenza u estendejnieha għal żoni oħra ta' Birżebbuġa, kif ukoll mas-Sindku ħdimna biex ineħħu l-iskips minn Misraħ is-Summit, titnaddaf u tissebbaħ iż-żona bil-pjanti u tintuża bħala venda għall-karozzi tat-trasport pubbliku. Mill-2025 bdejna ninvolvu lil-LESA fil-laqgħat ta' kull xahar mal-Pulizija tal-Komunità sabiex inwessgħu l-ħidma għas-sigurtà u l-infurzar, żidna r-road-checks u l-preżenza tal-LESA kontra parkeġġi illegali, u fiż-żona tal-bring-in site ħdejn il-Port Ħieles tneħħew iż-żewġ kaxxi blu tal-ħwejjeġ użati u tressqu l-oħrajn biex jitnaqqas l-abbuż ta' rimi illegali. Matul l-2025 kont ukoll parti mit-tim organizzattiv ta' Festa Bengħajsa, iċ-ċelebrazzjonijiet tal-għaqdiet, il-festa tal-lokal u Jum Birżebbuġa.

## *> Rapport ta' ħidma mill-Kunsillier Karel Zahra*

Jiena l-Kunsillier Karel Zahra, responsabbli mid-dekasteru tal-innovazzjoni u diġitalizzazzjoni. Din kinet l-ewwel sena sħiħa bħal kunsillier lokali u fiha nispera li wassalt il-vuċi tar-residenti Birżebbuġa iktar qrib tal-Kunsill Lokali filwaqt li bħala kunsillier responsabli għal kommunikazzjoni għent biex titwassal aktar informazzjoni mill-Kunsill Lokali għand ir-residenti tagħna.

Kważi fil-laqgħat kollha li kellna tal-Kunsill Lokali wasalt numru ta' mistoqsijiet minn għandkom ir-residenti. Dawn il-mistoqsijiet intużaw biex kemm jista' ikun titqanaqal diskussjoni dwar il-problemi żgħar jew kbar li qedgħin jaffaċċaw ir-residenti tagħna. Nixtieq ngħid li dejjem sibt l-appoġġ sħiħ tas-sidku u s-segretarju eżekuttiv meta tressqu mistoqsijiet biex kemm nistaw u flimkien insolvu l-problemi tar-residenti tagħna kemm jista' ikun malajr.

**Responsabiltajiet**
Bħala kunsillier, ġejt afdat b'numru ta' dikasteri li jinkludu:

- Innovazzjoni u diġitalizzazzjoni
- Telekommunikazzjoni
- Kalendarju liturgiku u attivitajiet reliġjużi fil-beraħ
- Informazzjoni u applikazzjonijiet għal fondi mill-UE
- Liaison officer għal skemi maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali
- Xjenza, riċerka u teknologija
- Rappreżentant tal-għaqdiet volontarji

Bħala parti mill-ħidma tiegħi f'dawn id-dikasteri, saru numru ta' diskussjonijiet, proposti u attivitajiet, li għalihom qed nippreżenta sommarju ta' dawk l-aktar importanti fis-sezzjonijiet li ġejjin:

**Komunikazzjoni**
Fejn tidħol il-komunikazzjoni, wassalt numru ta' bidliet dwar kif il-Kunsill Lokali jikkomunika mar-residenti. Dawn jinkludu:

- Aġġornamenti aktar frekwenti fuq il-paġna Facebook tal-Kunsill li kellha il fuq minn żewġ miljun u nofs view u kważi elf follower ġdid. Dan juri livell ta' investimenti li jagħti l-Kunsill Lokali fuq dan il-mezz ta' kommunikazzjoni u l-komunikazzjoni mar-residenti b'mod ġenerali.
- F'Lulju tal-2025 il-Kunsill Lokali ħareġ l-ewwel rivista tal-Kunsill Lokali li kinet tikonsisti minn 24 paġna. Bħala kunsilier responsibli tal-kommunikazzjoni kont parti mill-board editorjali ta' din ir-rivista li ġiet imqassma fid-djar tar-residenti tar-raħal tagħna. Issa qiegħed inħares il-quddiem li toħroġ it-tieni edizzjoni fis-sena 2026.

**Xjenza, Teknologija u Digitallizzazzji**
Fid-dikasteru tax-xjenza u t-teknoloġija huwa wieħed li joħloqi sfida għax ftit huma l-affarijiet li tista' tagħmel minn livell ta' Kunsill Lokali. Fis-sena akademika 2024-25 kelna il-Junior Science Club li kien magħmul minn żewġ korsijiet għat-tfal tal-primarja, fejn it-tfal jitgħallmu dwar kunċetti tax-xjenza u agħmlu esperimenti żgħar. Din l-inzajjattiva kienet ta' suċċess kemm bħala attendenza kif mil-lat ta' kemm apprezzawh it-tfal. Sfortunatement

ma stajniex nergaw nagħmluh għal din is-sena skolastika imma se jkun qedgħin nagħmlu l-għalmu tagħna biex jerġa isir fis-snin li ġejjin.
Mil-lat ta' digitallizzazzjoni tal-operat tal-Kunsill Lokali bħala kunsill qedgħin nippruvaw naħdmu id f'id mad-dipartimenti, iżda dan ifisser li jkollna nistennew li jsir l-procurement minn naħa tagħhom.

**Skemi**
Bħal kunsillier responsabli għal iskemi maħruġa mid-Dipartiment għal Gvern Lokali din is-sena ħdimt id f'id mal-ħaddiema tal-kunsill biex applikajna għal iskemi kollha li għalihom konna eligibli. Uħud l-iskemi intuzaw għal numru ta' inizjjativi tal-Kunsill Lokali fil-waqt li oħrajn se naraw il-frott tagħhom fix-xhur li gejjin fosthom b'finanzjament għal Festa Bengħajsa tal-2026 u finanzjament għal xogħolijiet ta' tisbiħ li se jsiru fi Triq Żaren Dalli is-sena id-dieħla.

**Ippjanar**
Fis-sena 2025 ġejt mogħti temporanjament delega fuq l-Evaluazzjoni tal-Permissi tal-Awtorità tal-Ippjanar. Bħala parti minn dan ix-xogħol bdejna ukoll proġett biex ir-raħal tagħna ikollu studju ta' Capacity Planning aggornat. Dan ix-xogħol inbeda f'Ottubru 2025 u sa issa lestejna l-ewwel fażi tiegħu li tinkluni l-ippjantar tal-pjan lokali fuq sistemi moderni. Fl-2026 ikompli x-xogħol fuq dan l-istudju billi inpoġġu dak li hemm mibni diġa fuq il-mappa diġitali u nibdew proċess li nifhmu l-arja vojta li huma skedati għal bini ħalli fejn huma tal-gvern niproteggwuhom mill-ispekulazzjoni.

**Attivitajiet**
Bħala membru tal-bord dwar l-attivitajiet kont parti mill-organizzajoni ta' numru ta' attivitajiet li seħħu fir-raħal tagħna. Minn dawn ta' min insemmu l-ewwel edizzjoni ta' Festa Bengħajsa li saret Mejju li għadda. Għalkemm din l-attività involviet ħafna xogħol minn nies differenti kien ukoll ta' sofisfazzjon kbira tara numru sabiħ ta' għaqdiet u residenti presenti għal din l-attività. Fuq kollox dan jagħtina bażi soda biex f'Mejju li ġej ikollna tieni edizzjoni ikbar minn tal-2025.

**Konklużjonijiet**
Bħala Kunsill Lokali issa dieħlin fil-parti tan-nofs tal-legislatura. F'din is-sena li ġejja irridu jibdew il-maggoranza tal-proġetti li nixtiequ naraw lesti f'dawn il-ħames snin, u kif inhu ippjanat se jibda xogħolijiet fuq tlett proġetti magguri, dak tal-Qajjenza li ġa inbeda, iċ-ċentru ċiviku u t-tkabbit tal-uffiċini tal-kunsill lokali. Bħala kunsillier se jkun qiegħed naħdem biex ma' dawn il-proġetti jintbeda ukoll l-ippjanar fuq il-ġnien ta' Triq Santa Katerina biex dan ikun jista jitwettaq f'din il-leġiżlatura.

## *> Rapport ta' ħidma mill-Kunsilliera Rohasia Zammit*

I am Councillor Rohasia Zammit, responsible for animal welfare, youths, and children, and this document outlines my key contributions and initiatives within the local council.

Over the past year, I have focused on fully understanding and strengthening the main areas of my role, particularly youth engagement and animal welfare, while also planning future activities to enhance community participation and well-being. One of my main initiatives was the implementation of the Children's Council after being approached by MFSW. This initiative brings together young people from Birżebbuġa to share their ideas and contribute towards improving our community, and I greatly valued attending meetings and listening to their perspectives. Looking ahead, I have already begun preparations for the 2026 community activities, which aim to engage youths, families, and senior residents through cultural, educational, and recreational events. Early planning ensures effective coordination of resources, venues, and logistics so that each initiative is successfully delivered and provides meaningful benefits to the community.

## *> Rapport ta' ħidma mill-Kunsillier Darren Mark Debono*

Jiena l-Kunsillier Darren Mark Debono, responsabbli mid-dekasteru tan-negozji u l-kummerċ, u bħala kunsillier responsabbli mill-komunità kummerċjali f'Birżebbuġa.

Nara li jsir il-koordinament meħtieġ flimkien mas-Sindku u l-kunsilliera l-oħra meta jkun hemm xi proġett ta' xogħol jew għeluq ta' toroq, sabiex il-komunità kummerċjali tkun avżata fil-ħin u jsiru l-arranġamenti neċessarji għas-saħħa u s-sigurtà kemm tan-negozjanti kif ukoll tar-residenti li jżuru l-ħwienet u l-monti fil-lokalità tagħna; jien responsabbli wkoll mil-liċenzji tal-ħwienet u mill-promozzjoni tan-negozji. Fil-qasam marittimu, inkluż iż-żamma tal-bajjiet u r-relazzjoni mal-entitajiet u l-għaqdiet konċernati, attendejt seminar organizzat mir-Red Cross Malta li tissorvelja l-bajjiet ta' San Ġorġ u l-Bajja s-Sabiħa kemm mit-torri kif ukoll bil-mixi fuq il-bajja, bħala prekawzjoni u biex tassisti f'każ ta' emerġenza; f'din il-laqgħa ddiskutejna biex il-Kunsill jitlob formalment lill-MTA sabiex jiżdiedu s-sigħat u l-ġranet ta' sorveljanza, filwaqt li nikkordina wkoll mal-operaturi tal-bajjiet biex f'kundizzjonijiet ta' temp ħażin jikkoperaw mar-Red Cross Malta u jitnaqqas ir-riskju meta jinħarġu Red Flags.

F'Novembru li għadda ħadt sehem f'eżerċizzju organizzat mill-COMAH flimkien mal-entitajiet tal-Port ta' Marsaxlokk fejn saret simulazzjoni ta' gass leak minn bastiment tal-LPG fil-Port Hieles; f'din l-eżerċitazzjoni kull awtorità spjegat kif topera biex tikkontrolla s-sitwazzjoni bl-aktar mod effiċjenti u tħares is-saħħa u s-sigurtà, u l-membri tas-CPD irringrazzjawna tal-parteċipazzjoni tagħna bħala Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa. Inżomm relazzjoni kontinwa mal-entitajiet konċernati permezz ta' laqgħat regolari biex inwassal ideat u materji li jeħtieġu deċiżjonijiet tal-Kunsill, u nieħu ħsieb ukoll il-manutenzjoni taż-żoni rikreattivi u l-funtani billi nissorvelja ż-żamma tal-ġonna u nagħmel risk assessments tal-għamara meta jidħlu rapporti ta' ħsara, sabiex inħares is-saħħa u s-sigurtà tar-residenti kbar u żgħar li jużaw dawn l-ispazji fil-lokalità tagħna.

## 6. Konklużjoni finali

F'dan il-kuntest, il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa jibqa' impenjat li, fuq kollox, jimplimenta l-pjan ta' ħidma mfassal għas-snin 2024–2029.

Ma jkunx possibbli li jiġi ppreżentat rendikont dettaljat ta' kull attività li twettqet matul is-sena preċedenti. Madankollu, huwa importanti li jiġi nnutat li, minbarra dak kollu li ġie msemmi hawn fuq, il-Kunsill, permezz tal-amministrazzjoni tiegħu, qed ikompli jmexxi numru ta' kuntratti eżistenti kif ukoll inizjattivi u ftehimiet ġodda. Minkejja l-isfidi kontinwi li jiltaqa' magħhom, nistgħu ngħidu b'ċertezza li l-ħidma mwettqa mill-Kunsill Lokali matul is-sena 2024 kienet waħda pożittiva u konsistenti. Għandu jingħaraf ukoll li l-Kunsill ma jaħdimx waħdu; għalhekk, mingħajr il-kontribut u l-kollaborazzjoni ta' diversi persuni u entitajiet, ħafna minn dan ix-xogħol ma kienx ikun possibbli. Għal dan kollu, il-Kunsill Lokali jesprimi l-apprezzament u r-ringrazzjamenti tiegħu lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor taw is-sehem tagħhom għall-ġid tal-lokalità.

**Imressaq u approvat illum l-Erbgħa, 18 ta' Frar 2026 waqt seduta numru 26.**

**IFFIRMATA**

______________________

**Scott Camilleri**
*Sindku*
Kunsill Lokali Birżebbuġa

**IFFIRMATA**

__________________________

**Jordy Brincat**
*Segretarju Eżekuttiv*
Kunsill Lokali Birżebbuġa